MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Rikors Numru. 16/2007

**Nita Gavin u Tania Galea**

**vs**

**Kenneth William Donaldson, u Dr. Richard Sladden LL.D. u PL Luisa Tufigno sabiex jirrapprezentaw lil Richard Alistair Cranston assenti minn Malta u Health Managers (Malta) Limited, socjeta` anonima b`responsabilita` limitata**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` Nita Gavin u Tania Galea tat-3 ta` April, 2007.

Rat ir-risposta tal-istess Kenneth William Donaldson prezentata fit-22 ta` Frar, 2008.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi essenzjalment dan ir-rikors jirrigwarda l-laqgha tal-azzjonisti tas-socjeta` Health Managers (Malta) Limited, liema laqgha saret fl-20 ta` Marzu, 2007.

Din il-laqgha issejhet a tenur tal-Art. 129 (3) tal-Kap. 386 tal-ligijiet ta` Malta. Din il-laqgha issejhet minn Kenneth William Donaldson wara li t-talba tieghu tas-27 ta` Frar, 2007 biex issir laqgha ma ntlaqghatx minn Nita Gavin, direttur tas-socjeta`.

Il-Qorti hawnhekk m`hijiex ser tidhol fil-kwistjoni dwar il-possibilita` li kellha jew le Nita Gavin biex issejjah laqgha f`dan il-perjodu in vista tal-mandat ta` inibizzjoni li kien izommha milli tagixxi ta` direttur ghall-perjodu bejn l-1 u s-16 ta` Marzu, 2007.

Il-Qorti ser tillimita l-ezami taghha ghac-cirkostanzi li fihom issejjhet il-laqgha tal-20 ta` Marzu, 2007.

L-Art. 129 (3) f`dan il-kuntest jiddisponi illi:

*"(3) Jekk id-diretturi fi zmien wiehed u ghoxrin jum mid-data tal-konsenja tat-talba ma jipprocedux kif jixraq biex isejhu l-laqgha, dawk li jkunu talbuha jistghu huma stess <u>isejhu laqgha bl-istess mod, kemm jista` jkun bhal meta laqghat jigu msejha mid-diretturi</u> izda laqgha hekk imsejha ma ghandhiex tinzamm wara li jghaddu tliet xhur mid-data tad-depozitu tat-talba".*

Mill-qari ta` din id-disposizzjoni wiehed jinnota li l-ligi tesigi t-trapass ta` 21 jum mid-data tal-konsenja tat-talba li ma tkunx giet milqugha.

Mid-data ta` din it-talba sad-data tal-laqgha tal-azzjonisti ma lahqux ghaddew wiehed u ghoxrin gurnata. Id-data li fiha attwalment saret tal-laqgha kienet ezattament il-wiehed u ghoxrin jum. Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel jum li

setghet tinzamm il-laqgha kien il-jum ta` wara u dan a bazi tal-principju *"dies a quo non computatur in termine"*.

Il-Qorti f`dan il-kuntest taghmel referenza ghall-kapitolu *"The Law of Meetings"* fil-ktieb *"Principles of Maltese Company Law*" tal- abbli Professur Andrew Muscat fejn, ghalkemm mhux direttament b`referenza ghat-tip ta` laqgha li ghandha quddiemha l-Qorti f`dan il-kaz, jinsisti li *"the number of days is calculated by excluding the day on which the notice is given and the day on which the meeting is held (Pag. 296).*

Inoltre, il-ligi fl-istess sub-inciz (3) tal-Art. 129 tesigi illi meta f`dawn ic-cirkostanzi tissejjah laqgha a tenur ta` dan l-artikolu, dan ghandu jsir *"bl-istess mod, kemm jista` jkun, bhal meta laqghat jigu msejha mid-diretturi"*.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tinnota illi Nita Gavin tiddikjara li l-avviz tal-laqgha tal-20 ta` Marzu, 2007 hija rcevietu fl-istess jum tal-20 ta` Marzu, 2007 ghalkemm dan id-dokument jidher li hu datat 15 ta` Marzu, 2007. Dan ifisser illi t-terminu li timponi l-ligi ghall-avviz dwar laqghat ma giex osservat. Ghalkemm il-ligi hawnhekk tuza l-frazi *"kemm jista` jkun"*, il-Qorti hi tal-fehma illi t-terminu ghandu jigi osservat f`dawn it-tip ta` laqghat sakemm ma jkunux jezistu cirkostanzi eccezzjonali li jipprekludu dan milli jsir. Fil-kaz in ezami, ghalkemm dizgwid kbir kien jezisti bejn l-azzjonisti diga`, il-Qorti m`hijiex sodisfatta li c-cirkustanzi kienu b`xi mod jirrikjedu lanqas it-tqassir tat-terminu ta` erbatax il-gurnata, wisq anqas l-eliminazzjoni ta` kull preavviz, dak li effettivament gara.

Il-Qorti tinnota wkoll illi r-rikorrenti l-ohra Tanya Galea ma nghatat ebda avviz ta` din il-laqgha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi;

1. tilqa` l-ewwel talba kontenuta fir-rikors tat-3 ta` April, 2007 u tiddikjara illi l-laqgha tas-socjeta` Health Managers (Malta) Limited tal-20 ta` Marzu, 2007 hija nulla u bla effett.

(ii) tilqa` t-tieni talba.

(iii) tilqa` t-tielet talba.

(iv) tilqa` r-raba` talba.

(v) tilqa` l-hames talba.

Il-Qorti tordna li din id-decizjoni tigi notifikata lir-Registratur tal-Kumpaniji.

**< Digriet >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------